# Tinsiex, Publius, Tinsiex
## Kapitlu 5 - Kilin

**Il-Ġeneru:**

Rumanz storiku-reliġjuż.

**L-istil tal-kitba:**

Narrattiv u Deskrittiv



**L-Ambjentazzjoni:**

Żmien il-ħakma Rumana.



**L-Istorja:** Vjaġġ bil-baħar f'tempesta. Qari b'ton ta' biża'.

Il-vapur mill-Greċja jasal Malta u t-ton ta' biża' jintemm ...

It-ton ta’ biża’ jintemm.

Titus u Publius imorru jistrieħu għand Nahum.

**Il-Protagonist:**

Publius.





**L-Intertestwalità mal-Bibbja:**

In-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta fejn Publius kien il-prinċep tal-gżira u meta n-nies ikkonvertew għall-fidi Nisranija, Publius isir l-ewwel isqof ta' Malta.

# Tinsiex, Publius, Tinsiex
# Kapitlu 5 - Kilin

**L-Istil Deskrittiv u Narrattiv:**
L-awtur jindirizza s-sensi biex nassisstu lill-protagonist tul il-vjaġġ waqt li ftit ftit iżid it-tensjoni fir-rakkont tat-tempesta li taħkem il-ġifen ta’ Publius biex imbagħad inaqqas it-tensjoni ftit ftit. Hekk il-qarrej jassisti għal dak li jkun qed iseħħ fuq il-ġifen.

**Il-Vokabolarju:**
Insibu użu ta’ reġistri differenti.
*Reġistru tas-sengħa tat-tbaħħir u kliem tekniku użat fuq il-baħar*: ġifen, qlugħ, qaddiefa, jinkaljaw, jitfgħu l-ankri ...
*Reġistru tat-temp*: ragħad, berqa, mewġ, burraxka, tromba ...
*Toponomastika*: Gaulos, il-Port tax-Xitwa, Ras il-Ħġejjeġ, Għam-Sajda ...

**Il-Mara fis-Soċjetà Rumana**. Tabita f’dan il-kapitlu għandha rwol importanti ħafna. Hija tagħmel minn kollox waqt li Publius ikun f’darha, taqdih mill-aħjar li tista’ u hekk taċċerta l-qrubija ta’ familtha mal-familja mexxejja tal-gżira. Din il-qrubija setgħet twassal għaż-żwieġ ta’ bintha ma’ Publius.